# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.**

**Walter Ellul Bonici (KI180854M)**

**Emma Delucca (KI 446456M)**

**Paul Ellul Bonici (KI563460M)**

**Mariella Ellul Bonici (KI31858M)**

**Valerie Ellul Bonici (KI182263M)**

**Jane Cassar (KI 40029M)**

**Anthony Cassar (KI460551M) bhala mandatarju specjali ta' Michael J Mifsud Ellul (passaport Amerikan 073214048) u ta' Dianne Harner (passaport Amerikan 221363521)**

**Richard Cassar (KI415057M) fil-kwalita' tieghu ta' ezekutur testamentarju tal-mejta Maria Giuseppa Mifsud Ellul ghal kull interess illi jista' jkollu**

**vs**

**Patrick Cassar u Christopher Cassar**

**Rikors Numru: 388/2016JD**

Illum 17 ta' Gunju 2019

Il-Bord,

Ra r-Rikors Guramentat tar-rikorrenti pprezentat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Mejju 2016 li permezz tieghu esponew :

Illi r-rikorrenti huma eredi tal-mejta Maria Giuseppa Mifsud Ellul li mietet fit-12 ta' April 1995.

Illi bhala parti mill-patrimonju tal-mejta Maria Giuseppa Mifsud Ellul l-esponenti wirtu l-fond bin-numru 298, Triq Santa Duminka Zabbar, liema fond originarjament kien mikri lil certu Joseph Cassar.

Illi fis-sena 2009 l-imsemmi Joseph Cassar miet u konsegwentement il-kirja kompliet f'isem il-mara tieghu Giuseppa Cassar.

Illi l-imsemmija Giuseppa Cassar mietet fis-sena 2014, u insegwitu ghall-mewt taghha l-kirja ghaddiet f'idejn it-tifel taghha John Cassar.

Illi fis-sena 2015 anke l-imsemmi John Cassar miet u ghalhekk ai termini tal-ligi l-gdida illi tirregola l-kera, il-kirja fuq imsemmija giet fit-tmiem.

Illi minkejja illi l-kirja *de quo* giet terminata, l-intimati baqhu jokkupaw il-fond, anke jekk m'ghandhom ebda titolu validu fil-ligi.

Illi minkejja illi l-intimati gew interpellati sabiex jivvakaw il-fond huma baqghu inadempjenti.

Illi fl-opinjoni tar-rikorrenti, l-intimati m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu w ghalhekk il-kawza tista' tigi deciza abbazi tal-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ighidu ghalhekk l-intimati ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex : (i) taqta' u tiddeciedi l-kawza abbazi tal-artikolu 167 tal-Kap 12 u cjoe' bid-dispensa tas-smiegh ; (2) tiddikjara illi l-intimati qed jokkupaw il-fond 298, triq Santa Duminka, Zabbar minghajr ebda titolu validu fil-ligi ; (3) konsegwentement tordna lill-intimati sabiex fiz-zmien qasir u perentorju li ghandu jigi ffissat minn din il-Qorti jivvakaw il-fond imsemmi. Kollox skont kif gie dikjarat aktar 'il fuq u ghar-ragunijiet premessi.

Bl-sipejjez inkluzi dawk tal-ittri legali tal-10 u tad-19 ta' Awwissu 2015, kontra l-intimati li minn issa jibqghu ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Ra r-Risposta Mahlufa tal-intimati li permezz taghha eccepew:

1. Illi preliminarjament l-atturi jridu jippruvaw it-titolu taghhom skont il-ligi u cioe' li huma l-proprjetarji tal-fond mertu tal-kawza;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jikkontendu in linea preliminari li din il-Qorti ma ghandhiex il-kompetenza biex tisma din il-kawza stante li din il-kawza kellha tigi intavolata quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera li ghandu kompetenza esklussiva li jisma u jiddeciedi kawzi dwar kirjiet stante li l-esponenti jgawdu titolu ta' kera ai termini tal-artikolu 1531F tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta

u ghandhom id-dritt li jkomplu l-kirja ta' missierhom John Cassar u dana stante li huma l-wild naturali ta' John Cassar u ilhom joqoghdu mieghu sa minn meta twieldum, qatt ma telqu u lanqas huma mizzewgin u baqghu jghixu mieghu sa ma miet fil-2015, u ghadhom ighixu hemm sallum; fil-fatt wara mewtu hadu hsieb jiddepozitaw il-kera l-Qorti b'cedola appozita, l-ahhar ricevuta hawn annessa u mmarkata bhala Dokument PC1 u kopja tac-cedola ta' depozitu hawn anness bhala Dokument PC2;

3. Illi minghajr pregudizzju, fin-nuqqas li din l-Onorabbli Qorti tqabel li l-esponenti jgawdu titolu ta' kera skont l-artikolu 1531F tal-Kap 16, allura trid titqies l-applikabilita' tal-artikolu 1531G tal-Kap 16.

Ra l-ordni[1] moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-udjenza tal-21 ta' Gunju 2016 li permezz tieghu ddikjarat li l-intimati ghandhom ragunijiet tajba biex jithallew jikkontestaw il-kawza fit-termini tal-ligi.

Ra l-ordni[2] moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-udjenza tat-12 ta' Lulju 2016 li permezz tieghu ordnat l-inverzjoni tal-provi dwar it-tieni u t-tielet eccezzjoni mressqa mill-intimati.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet ipprezentati quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

Ra s-Sentenza parzjali tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tat-30 ta' Jannar 2018 li permezz taghha l-Qorti ddisponiet mit-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-intimati billi ddikjarat li, filwaqt li ma kinetx qed tiddetermina l-kwistjoni jekk l-intimati ghandhomx jedd ikomplu l-kirja in kwistjoni, hija ma kellhiex il-kompetenza *ratione materiae* biex tiehu konjizzjoni tat-talbiet tar-rikorrenti, u ordnat li l-atti tal-proceduri jigu trasferiti lil dan il-Bord, u astjeniet milli tkompli tiehu konjizzjoni tal-kawza, filwaqt li halliet li l-kap tal-ispejjez jigi determinat bis-Sentenza tal-lum.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Sema' sottomissjonijiet orali tal-partijiet.

**Ikkunsidra:**

[1] Fol. 20 fil-process tal-kawza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[2] Fol. 34 fil-process tal-kawza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili

Din hija kawza li r-rikorrenti, successuri ta' Maria Giuseppa Mifsud Ellul, qed jaghmlu kontra l-intimati ghall-izgumbrament taghhom mill-fond 298, Triq Santa Duminka, Zabbar, li gie ghand l-atturi b'wirt minghand din l-awtrici taghhom. Fl-att promotur, ir-rikorrenti jghidu li dan il-fond kien originarjament inkera lil Joseph Cassar, li miet fis-sena 2009, u mbaghad il-kirja ghaddiet f'isem l-armla tieghu Giuseppa Cassar. Giuseppa Cassar mietet fl-2014, u l-kirja ghaddiet f'idejn binha John Cassar, li pero' gie nieqes is-sena ta' wara. Minhabba f'hekk, ir-rikorrenti jippretendu li l-intimati m'ghandhomx titolu validu fil-ligi biex ikomplu jokkupaw dan il-fond, u ghalhekk talbu l-izgumbrament taghhom minnu. Dan kollu kkonfermah bil-gurament tieghu l-ezekutur testamentarju ta' Maria Giuseppa Mifsud Ellul, li huwa Richard Cassar, fl-affidavit anness mar-Rikors Guramentat.[3]

Mar-Rikors Guramentat, ir-rikorrenti pprezentaw ukoll kopja tac-certifikat tal-mewt ta' Maria Giuseppa Mifsud Ellul, kopja tac-certifikati tar-ricerki testamentarji dwarha li saru fir-Registru Pubbliku u fir-Registru tal-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja) u kopja tal-ahhar testment taghha.

Min-naha taghhom, l-intimati eccepew li r-rikorrenti ghandhom qabelxejn jippruvaw it-titolu taghhom fuq il-fond mertu ta' din il-kawza, u li huma ghandhom titolu validu ta' kiri fuq dan il-fond skond l-art. 1531F jew 1531G tal-Kodici Civili. Mar-Risposta Mahlufa taghhom, l-intimati pprezentaw kopja ta' ricevuta[4] datata 4 ta' Novembru 2014 li permezz taghha gie rikonoxxut u accettat hlas minghand John Cassar ta' €197.30 rapprezentanti kera ta' sena dwar il-fond 298, Triq Santa Duminka, Zabbar. Huma pprezentaw ukoll kopja ta' cedola ta' depozitu li pprezentaw fir-Registru tal-Qorti fit-8 ta' Ottubru 2015, u li permezz taghha ddepozitaw il-kera dovuta lill-eredita' ta' Maria Giuseppa Mifsud Ellul ghall-iskadenza li ghalqet fit-2 ta' Settembru 2015.[5]

L-intimati xehdu bil-mezz ta' affidavits. Patrick Cassar[6] iddikjara li ghandu 40 sena, u li ghandu tlett hutu ohra, Chris, Mark u Isabelle. Huwa xehed li, flimkien ma' hutu, trabba u ghex dejjem fil-fond mertu ta' din il-kawza. Fil-prezent, hu u huh Chris Cassar ghadhom joqoghdu fl-istess fond. Il-konvenut insista li l-kera dejjem hallasha missieru John Cassar, li kien jghix f'dan il-fond maghhom. Maghhom ghexet ukoll nannithom, u qabel anke nannuhom. Wara l-mewt ta' missierhom, il-konvenut qal li kien cempel lill-konvenut Richard Cassar u nfurmah b'li kien gara, pero' dan min-naha tieghu talbu jbajjad u johrog mill-post. Sussegwentement, l-istess rikorrent anke baghatlu ittra f'dak

---

[3] Dok. A, fol. 4 fil-process tal-kawza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[4] Dok. PC1, fol. 29 sa 31 fil-process tal-kawza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[5] Dok. PC2 fil-process tal-kawza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[6] Dok. PC1, fol. 38 fil-process tal-kawza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili

is-sens. Huwa pero' nsista li ha parir u gie nfurmat li hu u huh ghandhom jedd ikomplu l-kirja, u jkomplu jghixu f'dan il-fond, u ghalhekk ghaddew biex iddepozitaw il-kera fir-Registru tal-Qorti. Dawn il-fatti kkonfermahom l-intimat l-iehor Christopher Cassar[7].

In kontroezami[8], Patrick Cassar ikkonferma li n-nanniet tieghu kienu Joseph Cassar u Josephine Cassar, u li dawn kienu jghixu fil-fond mertu ta' din il-kawza. Huwa kkonferma li missieru kien John Cassar, u pprezenta kopja tar-ricevuti tal-kera[9] tal-fond 5, Triq Santa Domenika, Zabbar, mis-sena 1973 'il quddiem, f'isem 'J Cassar'. Skond l-intimat, dan 'J Cassar' kien missieru, li kien originarjament kera d-dar u rrangaha, u mbaghad sussegwentement is-sid Maria Giuseppa Mifsud Ellul, li kienet habiba tan-nanniet tal-intimati, tathom permess imorru joqoghdu mat-tifel f'dan il-fond mikri.

Ir-rikorrent Richard Cassar ukoll xehed bil-mezz ta' affidavit.[10]

Richard Cassar xehed li huwa kien mahtur bhala l-ezekutur testamentarju tal-eredita' ta' Maria Giuseppa Mifsud Ellul, li mietet fit-12 ta' April 1995. Qal li, fost proprjetajiet ohra, din l-eredita' tikkomprendi l-fond mertu tal-kawza – 298, Triq Santa Duminka, Zabbar (drabi ohra maghruf bin-numru 5). Qal li kif gie kkonfermat f'din il-kariga, f'Marzu 1996, huwa kiteb lil Joseph Cassar u nfurmah b'dan, u sussegwentement beda jircievi l-kera minghandu. Huwa kompla jghid li, f'Dicembru 2007, kien sar jaf li Joseph Cassar ghamel tibdil strutturali fil-fond, u ghalhekk inkariga avukat u kitiblu biex jirripristina l-fond. Fis-sena 2010, l-armla ta' Joseph Cassar – Josephine Cassar – infurmatu li zewgha kien miet u talbitnu jirrikonoxxiha bhala l-inkwilina l-gdida, kif filfatt ghamel, u baqa' jircievi l-kera minghandha sal-mewt taghha fl-2014. Wara l-mewt taghha, ir-rikorrent jghid li rrikonoxxa bhala inkwilin ta' dan il-fond lil binha John Cassar u beda jircievi l-kera minghandu. Dan pero' lahaq hallas kera wahda biss, fl-4 ta' Novembru 2014, ghaliex miet ftit taz-zmien wara. Wara l-mewt tieghu, ir-rikorrent rega' ha parir u gie nfurmat li bit-tibdil fil-ligijiet tal-kera li sehh fl-2009, ulied John Cassar m'ghandhomx jedd ikomplu l-kirja minflok missierhom.

In kontroezami[11], Richard Cassar ammetta li ma kienx jircievi l-hlas tal-kera qabel inhatar ezekutur testamentarju ta' Maria Giuseppa Mifsud Ellul, pero' nsista li r-ricevuti rilaxxjati qabel zmienu kollha jidhru li nhargu lil Joseph Cassar. Huwa spjega li ma kienx ipprezenta kopja tar-ricevuti precedenti ghaliex ma kinux f'idejh, pero' fakkar li dawk ir-ricevuti kienu rilaxxjati lil 'J Cassar'. Huwa cahad li Joseph Cassar kien jghix ftit

---

[7] Dok. PC2, fol. 39 fil-process tal-kawza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[8] Ara kontro-ezami, 11.5.2017, fol. 104 sa 109 fil-process tal-kawza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[9] Fol. 111 sa 137 fil-process tal-kawza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[10] Fol. 45 sa 46 fil-process tal-kawza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[11] Ara xiehda, 4.7.2017, fol. 140(a) sa (d) fil-process tal-kawza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili

bibien 'il boghod, anzi nsista li meta fl-1996 mar jara l-fond mertu tal-kawza, Joseph Cassar kien jghix fih. Richard Cassar iddikjara li ma kienx involut fl-amministrazjoni ta' dan il-fond bejn is-snin 1975 u 1995. In ri-ezami, Richard Cassar iccara li, wara l-hatra tieghu bhala ezekutur testamentarju, kiteb lil Joseph Cassar biex javzah li kien ser jiehu hsieb l-amministrazzjoni tal-gid tal-eredita', inkluz dan il-fond, u ma rcieva l-ebda twegiba ghal dik l-ittra, la minghand Joseph Cassar u lanqas minghand haddiehor.

Ir-rikorrenti pprezentaw kopja tar-ricevuti tal-hlas tal-kera ghas-snin li ghaddew bejn 1995 u 2014, is-sentejn inkluzi, li jikkonfermaw li sas-sena 2009, l-inkwilin rikonoxxut kien Joseph Cassar, u mbaghad dan gie sostitwit bl-armla tieghu Josephine Cassar, filwaqt li fl-2014, il-kirja ghaddiet ghand binhom John Cassar.[12]

Ir-rikorrenti pprezentaw ukoll affidavit tan-Nutar Victor J. Bisazza, li spjega li kien inkarigat mill-ezekutur testamentarju ta' Maria Giuseppa Mifsud Ellul biex jaghmel ricerka dwar il-fond mertu tal-kawza. Mir-ricerka li ghamel jghid li kkonkluda li dan il-fond ma kellux numru ufficjali skond l-avviz fil-Gazzetta tal-Gvern tas-7 ta' Jannar 1931, filwaqt li sussegwentement kellu n-numru 5, u mbaghad gie bin-numru 298, kif jidher mill-Avviz fil-Gazzetta tal-Gvern pubblikat fit-28 ta' Jannar 2005. In-Nutar Bisazza pprezenta wkoll kopja ta' zewg atti, wiehed ta' divizjoni pubblikat min-Nutar Oscar Azzopardi fit-28 ta' Settembru 1947 – f'paragrafu 38 tar-Relazzjoni annessa mieghu, hemm imsemmi l-fond sitta (6), Triq San Duminka, li ghandu bieb iehor bin-numru tmienja (8), fi Sqaq Fata[13] - u l-iehor ta' inventarju tal-assi ereditarji ta' Maria Giuseppa Mifsud Ellul pubblikat minnu stess fis-26 ta' Frar 1996, fejn f'paragrafu tmienja (8) tal-lista tal-Mobbli hemm imsemmi l-istess fond.[14]

**Ikkunsidra wkoll li :**

Quddiem dan il-Bord, l-intimati ressqu kopja tac-cedoli ta' depozitu, bil-kera dovuta ghas-snin 2016 sa 2018, li pprezentaw fir-Registru tal-Qorti tal-Magistrati (Malta).[15] Huma pprezentaw ukoll affidavit ta' Luigia Zahra, iz-zija paterna taghhom.

Luigia Zahra[16] ddikjarat li ghandha 70 sena u dejjem ghexet Haz-Zabbar. Qalet li lill-intimati dejjem tafhom joqoghdu fil-fond mertu ta' din il-kawza – 298, Triq Santa Domenica, Haz-Zabbar – li missierhom kien kera minghand Mifsud Ellul li kienet

---

[12] Fol. 47 sa 63 fil-process tal-kawza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[13] Fol. 82 fil-process tal-kawza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[14] Fol. 87 fil-process tal-kawza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[15] Fol. 11 sa 18 fil-process tal-kawza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[16] Ara affidavit, fol. 22 fil-process tal-kawza quddiem il-Bord

toqghod Birkirkara. Hija qalet li ommha u missierha kienu jghixu fil-fond 1, Sqaq numru 1, Triq Santa Duminka, Zabbar, fejn twieldu kemm hi u anke huha John Cassar. Meta John Cassar gie biex jizzewweg, huwa kera l-fond 5, Triq Santa Duminka, Zabbar, biex imur jghix fih ma' martu. Dan il-fond kien hafna akbar, u ftit taz-zmien wara kien ha lil ommu u missieru u lix-xhud mieghu, li kienu jghixu fis-sular ta' isfel, filwaqt li hu u martu kienu joqoghdu fis-sular ta' fuq. Hija temmet tghid li l-genituri taghha baqghu joqoghdu f'dan il-fond sal-mewt, u John Cassar baqa' jghix fih ma' uliedu anke wara li ssepara.

**Ikkunsidra wkoll li :**

Bl-eccezzjonijiet li ressqu l-intimati ghat-talba tar-rikorrenti, hemm zewg binarji li fuqhom trid tigi deciza din il-kawza, u cioe (i) jekk ir-rikorrenti wrewx li huma verament is-sidien u l-lokaturi tal-fond 298, Triq Santa Duminka, Zabbar ; u (ii) jekk l-intimati ppruvawx li ghandhom titolu validu ta' kiri dwar l-istess fond.

Dwar l-ewwel kwistjoni, il-Bord qies bir-reqqa l-provi kollha li r-rikorrenti ressqu dwar it-titolu taghhom. Il-Bord jidhirlu li ghandu jikkummenta li l-provi mressqa mir-rikorrenti f'dan ir-rigward huma karenti, u ma jikkostitwux l-ahjar prova u prova shiha dwar dan it-titolu. Dan qed jinghad ghaliex, fost ohrajn, il-Bord kien jistenna li r-rikorrent Richard Cassar, bhala ezekutur testamentarju tal-mejta Maria Giuseppa Mifsud Ellul, jipprezenta kopja legali shiha tad-digriet tal-konferma tieghu, bl-iskrizzjoni ipotekarja li trid il-ligi. Il-Bord kien jistenna wkoll li r-rikorrenti jispjegaw kif gew ghandhom id-drittijiet fuq l-eredita' ta' Maria Giuseppa Mifsud Ellul, partikolarment dawk minnhom li mhumiex espressament nominati bhala eredi taghha bis-Seba' Artikolu tal-ahhar testment taghha pubblikat min-Nutar Dottor Joseph Vassallo Agius fis-27 ta' Ottubru 1989.[17] Ir-rikorrenti naqsu wkoll li jipprezentaw kopja tad-denunzja tas-successjoni ta' Maria Giuseppa Mifsud Ellul, u ta' dawk mis-successuri taghha li lahqu mietu warajha u qabel giet prezentata din il-kawza.

Il-Bord lanqas ma fehem l-iskop u l-kontenut tad-dikjarazzjoni tan-Nutar Victor Bisazza. In-Nutar jikkonkludi li l-fond 5, Triq Santa Duminka, kien separat mill-fond bin-numru 6, u kien originarjament minghajr numru u mbaghad fl-2005 inghata n-numru 298. In-Nutar pero' ma jispjegax ghalxhiex kemm fl-att ta' divizjoni bejn l-ahwa Mifsud Ellul tat-28 ta' Settembru 1947 u anke fl-att tal-inventarju tal-konsistenza tal-assi ereditarju ta'

[17] Ara fol. 14 fil-process tal-kawza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili

Maria Giuseppa Mifsud Ellul jissemma biss il-fond numru 6 f'din it-triq, b'access iehor bin-numru 8 fi Sqaq Fata.

Mill-banda 'l ohra, kemm mir-ricevuti tal-hlas tal-kera pprezentati fl-atti u anke mix-xiehda tal-intimati, u ta' zithom Luigia Zahra, jirrizulta li ghal dawn l-ahhar erbghin sena, u aktar, kien hemm rikonoxximent da parti tal-familja tal-intimati li dan il-fond kien jappartjeni lil Maria Giuseppa Mifsud Ellul, li kienet krietu lil Cassar, u li wara l-mewt taghha dahal jamministra dan il-fond, u jircievi l-kera tieghu, l-ezekutur testamentarju taghha Richard Cassar. Fil-fehma tal-Bord, minkejja l-karenzi fuq elenkati fil-provi li ressqu r-rikorrenti dwar it-titolu taghhom, dan l-gharfien min-naha tal-intimati u l-familja taghhom dwar it-titolu tal-awtrici tar-rikorrenti fuq il-fond okkupat minnhom huwa bizzejjed biex jissodisfa, fuq bilanc ta' probabiltajiet, il-kwezit imqajjem minnhom stess bl-ewwel eccezzjoni taghhom, u ghalhekk l-istess eccezzjoni qed tigi michuda.

Dwar it-tieni kwistjoni tad-drittijiet tal-intimati fuq il-fond mertu tal-kawza, u wara li qies bir-reqqa l-provi kollha mressqa minnhom – b'mod partikolari l-kopji tar-ricevuti tal-hlas tal-kera rilaxxjati lill-awturi taghhom tul is-snin – il-Bord jidhirlu li ghandha aktar mis-sewwa l-verzjoni tal-fatti moghtija mir-rikorrent Richard Cassar. Il-Bord wasal ghal din il-konkluzjoni ghaliex (i) ir-ricevuti ffirmati mis-sid originali u lokatrici ta' dan il-fond dejjem gew rilaxxjati lil 'J Cassar', u qatt ma gie indikat l-isem 'John Cassar' fuqhom ; (ii) ma jirrizulta li kien hemm ebda kontestazzjoni ghad-diversi ricevuti, tul is-snin bejn 1996 u 2009, li r-rikorrent Richard Cassar irrilaxxja favur 'Joseph Cassar' dwar il-hlas tal-kera ta' dan il-fond ; (iii) proprju immedjatament wara l-mewt ta' Joseph Cassar, in-nannu patern tal-intimati, l-armla tieghu talbet li tigi rikonoxxuta bhala l-inkwilina l-gdida minfloku, u filfatt hekk gara ; (iv) kien biss wara l-mewt tan-nanna paterna – Josephine Cassar – li giet rilaxxjata ricevuta wahda f'isem John Cassar, missier l-intimati. Il-Bord b'daqshekk mhux qed jghid li l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-intimati, jew miz-zija paterna taghhom Luigia Zahra, mhix veritiera. Dawk il-fatti pero' jridu jigu inkwadrati fil-qafas tal-ligi, u fin-nuqqas ta' skrittura ta' kiri, l-ahjar prova dwar ir-relazzjoni lokatizja, u l-partijiet kontraenti, hija kostitwita mir-ricevuti tal-hlas tal-kera, li dwarhom ma jidhirx li qatt kien hemm xi kontestazzjoni.

Wara d-dhul fis-sehh tal-Att X tal-2009, is-successjoni tal-kirjiet ta' fondi urbani soggetti ghad-dritt ta' rilokazzjoni favur l-inkwilin fit-termini tal-**art. 3** tal-<u>Ordinanza li Tirregola t-</u>

Tigdid tal-Kiri tal-Bini (Kap. 69), wara l-mewt tal-inkwilin, hija regolata bl-**art. 1531F** u **1531G** tal-Kodici Civili li jipprovdu hekk :

1531F. Fil-każ ta' kirja ta' dar użata bħala residenza ordinarja li tkun saret qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 għandha tiġi meqjusa bħala inkwilin dik il-persuna li tkun qed tokkupa l-fond b'titolu validu ta' kera fl-1 ta' Ġunju, 2008 kif ukoll il-konjuġi tiegħu jekk jgħixu flimkien u mhux separati legalment; meta jmut l-inkwilin il-kirja għandha tiġi terminata:
Iżda wkoll persuna tkompli il-kirja wara l-mewt tal-inkwilin bl-istess kondizzjonijiet tal-inkwilin jekk fl-1 ta' Ġunju, 2008 -
(i) tkun il-**wild naturali** jew legali tal-inkwilin u tkun ilha toqgħod mal-inkwilin għal erba' snin mill-aħħar ħames snin; u wara l-1 ta' Ġunju, 2008 tibqa' tgħix mal-inkwilin sad-data tal-mewt tiegħu:
Iżda f'każ li jkun hemm aktar minn wild wieħed li jkunu ilhom joqgħodu mal-inkwilin għal erba' mill-aħħar ħames snin qabel l-1 ta' Ġunju, 2008 u jkunu baqgħu jgħixu mal-inkwilin sad-data ta' mewtu, dawk l-ulied kollha jkomplu l-kirja in solidum; din il-kirja ma testendix għal konjuġi, żewġ jew ulied il-wild tal-inkwilin, jew
(ii) tkun xi ħadd mill-aħwa tal-inkwilin, li fid-data tal-mewt tal-inkwilin ikollu ħamsa u erbgħin sena jew aktar, jew mill-aħwa tal-konjuġi tal-inkwilin li jkollu ħamsa u erbgħin sena jew aktar, u f'kull każ tkun ilha toqgħod mal-inkwilin għal erba' snin mill-aħħar ħames snin qabel l-1 ta' Ġunju, 2008 u wara dik id-data tibqa' tgħix mal-inkwilin sad-data ta' mewtu:
Iżda f'każ li jkun hemm aktar aħwa minn wieħed li jkollhom 'il fuq minn ħamsa u erbgħin sena u jkunu lkoll ilhom joqgħodu mal-inkwilin għal erba' mill-aħħar ħames snin qabel l-1 ta' Ġunju, 2008 u jkunu baqgħu jgħixu miegħu sad-data ta' mewtu, dawk l-aħwa kollha jkomplu il-kirja in solidum; din il-kirja ma testendix għal konjuġi jew ulied l-aħwa, jew
(iii) ikun il-wild naturali jew legali tal-inkwilin u jkun iżgħar minn ħames snin u wara l-1 ta' Ġunju, 2008 ikun baqa' jgħix mal-inkwilin sad-data ta' mewtu, jew
(iv) tkun axxendent naturali jew legali ta' età ta' iktar minn ħamsa u erbgħin sena u għexet mal-inkwilin għal perjodu ta' erbgħa mill-aħħar ħames snin qabel l-1 ta' Ġunju, 2008 u tkun baqgħet tgħix mal-inkwilin sa mewtu; din il-kirja ma testendix għal mart, żewġ jew ulied l-axxendent:
Iżda fejn mal-inkwilin fid-data tal-mewt tiegħu jkun hemm numru ta' tfal, aħwa, jew axxendenti li jkunu kollha jissodisfa w il-kriterji tal-paragrafi (i), (ii), (iii) jew (iv), dawk il-persuni kollha għandu jkollhom il-jedd li jkomplu l-kirja in solidum bejniethom:
Iżda wkoll, persuna m'għandhiex titqies li ma kenitx tgħix mal-inkwilin biss għar-raġuni li hija kienet temporanjament assenti mid-dar tal-inkwilin minħabba ħtiġiet ta' xogħol, studju jew kura medika:
Bla ħsara għal dak provdut f'dan l-artikolu, persuna m'għandux ikollha dritt tkompli l-kirja wara l-mewt tal-inkwilin jekk ma tissodisfax il-kriterji ta' test tal-mezzi stabbilit skont regolamenti li jista' joħroġ il-Ministru responsabbli għall-akkomodazzjoni minn żmien għal żmien.

1531G. Fil-każ ta' persuni li, għalkemm ma kenux jikkwalifikaw għall-kontinwazzjoni tal-kirja bil-kriterji msemmija fl-artikolu 1531F iżda qabel l-1 ta' Ġunju, 2008 kienu jgħixu mal-inkwilin u baqgħu jgħixu mal-inkwilin sal-mewt tal-inkwilin, dawn ikollhom dritt li jkomplu l-kirja bil-mod segwenti:

(a) jekk il-persuna ma tilħaqx il-kriterju tat-test tal-mezzi kif hawn qabel imsemmi, f'kull każ il-kirja titkompla għall-perjodu ta' mhux aktar minn tliet snin mid-data tal-mewt tal-aħħar inkwilin li jibqa' ħaj, b'kera li jkun id-doppju ta' dak li kien iħallas l-aħħar inkwilin;
(b) jekk il-persuna ma tikkwalifikax taħt il-kriterji l-oħra, li mhumiex it-test tal-mezzi, il-kirja titkompla għal perjodu ta' mhux aktar minn ħames snin mid-data tal-mewt tal-aħħar inkwilin li jibqa' ħaj, b'kera li jkun id-doppju ta' dak li kien iħallas l-aħħar inkwilin.[18]

F'dan il-kaz, l-inkwilini tal-fond fl-1 ta' Gunju 2008 kienu Joseph Cassar u martu Josephine Cassar, in-nanniet paterni tal-intimati. Wara l-mewt ta' Joseph Cassar f'xi zmien fl-2009, kompliet il-kirja l-armla tieghu Josephine Cassar, li giet rikonoxxuta mir-rikorrenti bhala l-inkwilina tal-fond ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi. Josephine Cassar mietet f'xi zmien fl-2014, u wara l-mewt taghha, kompla l-kirja binha John Cassar, li kien jikkwalifika biex jaghmel dan fit-termini tal-paragrafu (i) tal-**art. 1531F**. Sfortunatament, dan John Cassar miet immedjatament wara, f'xi zmien fl-2015, u wara l-mewt tieghu, uliedu intimati f'din il-kawza ma jikkwalifikaw taht l-ebda wiehed mill-paragrafi tal-**art. 1531F** biex ikomplu din il-kirja b'mod indefinit.

Minhabba f'hekk, kif filfatt eccepit minnhom bit-tielet eccezzjoni taghhom, japplika ghall-intimati f'dan il-kaz id-dispost tal-paragrafu (b) tal-**art. 1531G**, minhabba li jirrizulta li kienu jghixu mal-'*inkwilin'* Joseph Cassar qabel l-1 ta' Gunju 2008, u baqghu jghixu mieghu sal-mewt, u fl-istess fond anke wara l-mewt tieghu sal-lum. Huma ghalhekk ghandhom dritt ikomplu l-kirja tal-fond in kwistjoni, 298, Triq Santa Duminka, Zabbar, ghal zmien hames (5) snin mid-data tal-mewt ta' missierhom John Cassar – li kien l-ahhar inkwilin – b'kera doppju ta' dak li l-istess missierhom hallas fl-4 ta' Novembru 2014 fis-somma ta' €197.30. Billi ma tirrizultax prova certa dwar id-data tal-mewt ta' John Cassar, hlief li miet fis-sena 2015, il-Bord jidhirlu li ghandu jaghti l-beneficcju tad-dubju lill-intimati, u jqis li l-hames snin ghandhom jitqiesu li bdew jiddekorru mill-31 ta' Dicembru 2015 u ghalhekk jaghlqu fil-31 ta' Dicembru 2020.

## Decide

Ghar-ragunijiet kollha fuq moghtija, dan il-Bord jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt li jichad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-intimati, jilqa' t-tielet eccezzjoni taghhom u jiddikjara li l-intimati ghandhom jedd jibqghu jokkupaw il-fond 298, Triq Santa Duminka, Zabbar, sal-31 ta' Dicembru 2020, u jhallsu kera doppju skont il-ligi u konsegwentement jichad it-tieni u t-tielet talbiet attrici.

[18] Enfasi tal-Bord

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**

**Cora Azzopardi**
**Deputat Registratur**